

**Rikors ippreżentat fil-5 ta' Novembru 2021 – Gusachenka vs Il-Kunsill****(Kawża T-579/21)**

(2022/C 11/39)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrent:* Siarhei Gusachenka (Minsk, il-Bjelorussja) (rappreżentant: D. Litvinski, avukat)*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/997 tal-21 ta' Ġunju 2021 li jimplimenta l-Artikolu 8a(1) tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Belarussja <sup>(1)</sup>, sa fejn dan jikkonċerna lir-rikorrent;
- tannulla d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1002 tal-21 ta' Ġunju 2021 li timplimenta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja <sup>(2)</sup>, sa fejn din tikkonċerna lir-rikorrent;
- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi li huma, essenzjalment, identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-kawża T-556/21, *Lyubetskaya vs Il-Kunsill*.

<sup>(1)</sup> ĠU 2021, L 219I, p. 3.

<sup>(2)</sup> ĠU 2021, L 219I, p. 70.

**Rikors ippreżentat fil-5 ta' Novembru 2021 – Haidukevich vs Il-Kunsill****(Kawża T-580/21)**

(2022/C 11/40)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrent:* Aleh Haidukevich (Semkino, il-Belarussja) (rappreżentant: D. Litvinski, avukat)*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/997 tal-21 ta' Ġunju 2021 li jimplimenta l-Artikolu 8a(1) tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Belarussja <sup>(1)</sup>, sa fejn jikkonċerna lir-rikorrent;
- tannulla d-deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1002 tal-21 ta' Ġunju 2021 li timplimenta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja <sup>(2)</sup>, sa fejn tikkonċerna lir-rikorrent;
- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.